RAKKOMANDAZZJONIJIET

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Novembru 2014

dwar il-proċedura li għandha tintuża għall-wiri tal-livell ta' konformità tal-linji ferrovjarji eżistenti mal-parametri bażiċi tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà

(2014/881/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont it-Taqsima 7.3.4 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1299/2014 ([2]) (INF TSI) u t-Taqsima 7.3.4 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1301/2014 ([3]) (ENE TSI), għal linji ferrovjarji eżistenti li mhuma soġġetti għal ebda proġett ta' tiġdid jew immodernizzar, il-wiri tal-livell ta' konformità ta' dawn il-linji mal-parametri bażiċi tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà (TSIs) huwa volontarju. Bl-istess mod, għal-linji eżistenti li huma suġġetti għal proġetti li ma jimplikawx proċedura ta' verifika "KE", il-wiri tal-livell tal-konformità ta' dawn il-linji mal-parametri bażiċi tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà (TSIs) għandhom ukoll ikunu volontarji

(2) L-amministratur infrastrutturali għandu jkun jista', fuq bażi volontarja, jikkompleta r-reġistru tal-infrastruttura b'informazzjoni dwar il-livell tal-konformità tal-linji eżistenti mal-parametri bażiċi tat-TSIs. Għandu jkun rakkomandat li tintuża proċedura standard għall-wiri tal-livell ta' konformità mal-parametri bażiċi tat-TSIs.

(3) L-Anness mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2011/622/UE ([4]) jirreferi għall-verżjonijiet preċedenti tal-INF u ENE TSIs u għalhekk għandu jiġi aġġornat.

(4) Għal raġunijiet ta' ċarezza u simplifikazzjoni, hu preferibbli li tiġi ssostitwita r-Rakkomandazzjoni Nru 2011/622/UE b'din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.

(5) Wara li jiġi kkonsultat il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2008/57/KE,

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. Il-proċedura stipulata fl-Anness għandha tintuża għall-wiri tal-livell ta' konformità tal-linji tal-ferrovija eżistenti mal-parametri bażiċi tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà.

2. Din ir-Rakkomandazzjoni tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni 2011/622/UE.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2014.

Għall-Kummissjoni

Violeta BULC

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1299/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà fir-rigward tas-sottosistema tal-"infrastruttura" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (Ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1301/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà fir-rigward tas-sottosistema tal-"enerġija" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (Ara l-paġna 179 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([4]) Ir-Rakkommandazzjoni tal-Kummissjoni 2011/622/UE tal-20 ta' Settembru 2011 dwar il-proċedura li għandha tintuża għall-wiri tal-livell ta' konformità tal-linji ferrovjarji eżistenti mal-parametri bażiċi tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà (ĠU L 243, 21.9.2011, p. 23).

ANNESS

1. **Introduzzjoni**

1.1. *Ambitu tekniku*

Din il-proċedura hija marbuta mas-subsistemi li ġejjin tas-sistema tal-ferroviji tal-Unjoni Ewropea:

(a) is-sistema strutturali tal-infrastruttura, u

(b) s-subsistema strutturali tal-enerġija.

Dawn huma inklużi fil-listi ta' subsistemi fl-Anness II (1) għad-Direttiva 2008/57/KE.

1.2. *Ambitu Ġeografiku*

L-ambitu ġeografiku ta' din il-proċedura huwa s-sistema tal-ferroviji tal-UE kif definita mid-Direttiva 2008/57/KE.

1.3. *Definizzjonijiet*

Għall-fini ta' din il-proċedura:

(a) "EI" tfisser infrastruttura eżistenti (stallazzjonijiet fissi) li mhumiex suġġetti għall-proċedura ta' verifika tal-"KE";

(b) "Demostrazzjoni ta' konformità tal-EI" tfisser verifika ta' jekk il-parametri bażiċi ta' subsistema u/jew element ta' binarji eżistenti jikkonformax mar-rekiwiżiti tat-TSIs relevanti;

(c) "Ċertifikat ta' demostrazzjoni tal-EI" tfisser id-dokument maħruġ minn assessur indipendenti bħala riżulta tad-dimostrazzjoni tal-konformità tal-EI;

(d) "Dikjarazzjoni ta' demostrazzjoni tal-EI" hija d-dokument maħruġ minn applikant wara li jirċievi ċ-ċertifikat ta' demostrazzjoni tal-EI.

2. **Proċedura għad-demostrazzjoni tal-konformità mal-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi għall-Interoperabbiltà tal-binarji eżistenti**

2.1. *Għan*

Il-proċedura segwenti tista' tiġi applikata għad-demostrazzjoni tal-konformità ta' stallazzjonijiet fissi eżistenti bit-TSIs mingħajr ma tkun suġġetta għall-proċedura ta' verifika tal-"KE".

Mhix obbligatorja, izda tista' tintuża fuq bażi volontarja.

2.2. *Proċedura għad-demostrazzjoni tal-livell ta' konformità mal-parametri bażiċi tat-TSI*

2.2.1. Il-proċedura għad-demostrazzjoni tal-livell ta' konformità mal-parametri bażiċi tat-TSIs hija d-demostrazxzjoni tal-EI tal-proċedura ta' konfromità. Skont din il-proċedura, l-applikant jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-punti 2.2.2, 2.2.3, 2.2.5.2 u 2.2.5.3, u jiżgura u jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu, li s-subsistema kkonċernata, li kienet soġġetat għad-dispożizzjonijiet tal-punt 2.2.4, tissodisfa r-rekwiżiti tat-TSI(s) rilevanti.

2.2.2. L-applikant iressaq applikazzjoni għad-demostrazzjoni tal-EI tal-konformità tas-subsistema quddiem assessur indipendenti tal-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni tinkludi:

(a) l-isem u l-indirizz tal-applikant u, jekk l-applikazzjoni tiġi ppreżentata mir-rappreżentant awtorizzat, l-isem u l-indirizz ta' dan ukoll, u

(b) id-dokumentazzjoni teknika;

2.2.3. id-dokumentazzjoni teknika;

2.2.3.1. L-applikant jiġbor id-dokumentazzjoni teknika u jagħmilha disponibbli lill-asssessur indipendenti msemmi fil-punt 2.2.4. Id-dokumentazzjoni għandha tagħmilha possibbli li jiġi demostrat il-livell ta' konformità mas-subsistemi eżistenti bil-parametri bażiċi tat-TSI(s) rilevanti.

2.2.3.2. Id-dokumentazzjoni teknika, fejn applikabbli, ikun fiha dawn l-elementi:

(a) deskrizzjoni ġenerali tas-sottosistema eżistenti;

(b) id-dokumenti neċessarji għall-ġbnir tal-fajl tekniku;

(c) lista ta' standards armonizzati u/jew speċifikazzjonijeit teknikċi rilevanti oħra li referenza għalihom tkun ġiet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u/jew speċifikazzjonijiet tekniċi nazzjonali li jkunu ntifikatai skont l-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 2008/57/KE, applikat bis-shiħ jew parzjalment, u deskrizzjonijiet tas-soluzzjonijiet adottati biex jintlaħqu r-rekwiżiti tat-TSI(s) rilevanti jekk l-dawk l-istandards armonizzati jew nazzjonali ma jkunux ġew applikati. Jekk l-istandards armonizzati jew nazzjonali ġew applikati parzjalment, id-dokumentazzjoni teknika tispeċifika l-partijiet li ġew applikati;

(d) il-kundizzjonijiet għall-użu tas-sottosistema (restrizzjonijiet taż-żmien jew id-distanza tat-tħaddim, il-limiti tat-tgħawwir, eċċ);

(e) id-deskrizzjonijiet u l-ispjegazzjonijiet meħtieġa għall-fehim tal-operat u l-manutenzjoni tas-sottosistema;

(f) il-kundizzjonijiet għall-manutenzjoni u d-dokumentazzjoni teknika dwar il-manutenzjoni tas-sottosistema;

(g) kwalunkwe rekwiżit tekniku speċifikat fit-TSI(s) rilevanti li għandu jitqies matul il-manutenzjoni jew l-operat tas-sottosistema;

(h) kwalunkwe evidenza teknika xierqa oħra, li turi li l-verifika jew it-testijiet preċedenti jkunu ġew imwettqa b'suċċess, f'kundizzjonijiet paragunabbli, minn korpi kompetenti;

2.2.3.3. L-applikant għandu jżomm id-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti matul il-ħajja tas-servizz tas-sottosistema.

2.2.4. Proċedura għad-demostrazzjoni tal-livell ta' konformità mal-parametri bażiċi tat-TSI

2.2.4.1. L-assessur indipendenti magħżul mill-applikant iqis l-evidenza tal-eżaminazzjonijiet, il-kontrolli jew it-testijiet li jkunu twettqu minn entitajiet oħra jew mill-applikant.

2.2.4.2. L-evidenza miġbura mill-assessur indipendenti għandu tkun xierqa u suffiċjenti biex turi l-livell ta' konformità mar-rekwiżiti tat-TSI(s) rilevanti u li kull kontroll jew test rekwiżit u xieraq twettaq.

2.2.4.3. Fejn is-subsistem eżistenti jilħqu r-rekwiżiti tat-TSI(s) rilevanti, l-assessur indipendenti jista' joħroġ ċertifikat tad-demostrazzjoni tal-EI.

2.2.5. Dikjarazzjoni tad-demostrazzjoni tal-EI

2.2.5.1. L-applikant ifassal dikjarazzjoni bil-miktub tad-demostrazzjoni tal-EI għas-subsistema u jżommha tul il-ħajja tas-servizz tas-subsistema. Id-dikjarazzjoni tad-demostrazzjoni tal-EI tidentifika s-subsistema li għaliha tfasslet.

2.2.5.2. Id-dikjarazzjoni tad-demostrazzjoni tal-EI u d-dokumenti ta' magħha jiġu abbozzati skont il-Kapitolu 2.5 ta' din il-proċdura.

2.2.5.3. Kopja tad-ddikjarazzjoni tad-demostrazzjoni tal-EI għandha tingħata lill-awtoritajiet rilevanti fuq talba. għandha tingħata lill-awtoritajiet rilevanti fuq talba.

2.2.6. Fajl tekniku

2.2.6.1. L-assessur indipendenti huwa responsabbli għall-ġbir tal-fajl tekniku li jakkumpanja d-dikjarazzjoni tad-demostrazzjoni tal-EI.

2.2.6.2. Il-fajl tekniku li jakkumpanja d-dikjarazzjoni tad-demostrazzjoni tal-EI jinżamm mill-applikant.

2.2.6.3. L-applikant għandu jżomm kopja tal-fajl tekniku matul il-ħajja tas-servizz tas-sottosistema; kopja tal-fajl tekniku għandha tibgħat lil kwalunkwe Stat Membru ieħor li jitlob dan.

2.3. *Karatteristiċi li għandhom jiġu vvalutati*

Il-karatteristiċi li għandhom jiġu vvalutatai meta wieħed japplika għall-proċedura għad-demostrazzjoni tal-livell ta' konformità mal-parametri bażiċi tat-TSI huma ffissati fit-:

— Tabella 1 għas-subsistema tal-infrastruttura, u

— Tabella 2 għas-subsistema tal-enerġija.

Tabella 1

Il-valutazzjoni tas-subsistema tal-infrastruttura għad-demostrazzjoni tal-konformità tal-EI

Karatteristiċi li għandhom jiġu vvalutati (HS INF TSI)	Il-binarju eżistenti mhux suġġett għall-verifika tal-KE	Proċeduri ta' valutazzjoni partikolari
	1	2
Qies standard tal-istrutturi (4.2.3.1)	X	6.2.4.1
Id-distanza bejn iċ-ċentri tal-binarji (4.2.3.2)	X	6.2.4.2
Il-gradjenti massimi (4.2.3.3)	X	
Ir-raġġ minimu ta' kurva orizzontali (4.2.3.4)	X	6.2.4.4
Ir-raġġ minimu ta' kurva vertikali (4.2.3.5)	X	6.2.4.4
Il-qies standard nominali tal-binarju (4.2.4.1)	X	6.2.4.3
Pożizzjoni mżerżqa (4.2.4.2)	X	6.2.4.4
Id-defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa (4.2.4.3)	X	6.2.4.4 6.2.4.5
Bidla f'daqqa fid-defiċjenza fil-pożizzjoni mżerżqa (4.2.4.4)	X	6.2.4.4
Koniċità ekwivalenti (4.2.4.5)	X	6.2.4.6
Il-profil tal-parti tal-linja ferrovjarja li tmiss mar-roti għal linja sempliċi (4.2.4.6),	n.a	6.2.4.7
L-inklinazzjoni tal-linja ferrovjarja (4.2.4.7),	X	
Id-disinn tal-punti tal-qlib u tal-qsim imqiegħda fis-servizz (4.2.5.1)	X	6.2.4.8
L-użu tal-qsim tip swing nose (4.2.5.2)	X	6.2.4.8
It-tul massimu mhux iggwidat ta' qsim ottuż fiss (4.2.5.3)	X	6.2.4.8
Ir-reżistenza tal-binarji għal tagħbijiet vertikali (4.2.6.1)	X	6.2.5
Ir-reżistenza lonġitudinali tal-binarji (4.2.6.2)	X	6.2.5
Ir-reżistenza laterali tal-binarji (4.2.6.3)	X	6.2.5
Ir-reżistenza ta' pontijiet ġodda għal tagħbijiet tat-traffiku (4.2.7.1)	m.a.	
It-tagħbija vertikali ekwivalenti għal xogħlijiet ġodda tal-art u għal effetti tal-pressjoni tal-art (4.2.7.2)	m.a.	
Reżistenza ta' strutturi ġodda fuq jew biswit il-binarji (4.2.7.3)	m.a.	
Ir-reżistenza ta' pontijiet u ta' xogħlijiet tal-art eżistenti għal tagħbijiet tat-traffiku (4.2.7.4)	X	6.2.4.10
Il-limitu għal azzjoni immedjata għal allinjament (4.2.8.1)	m.a.	

Karatteristiċi li għandhom jiġu vvalutati (HS INF TSI)	Il-binarju eżistenti mhux suġġett għall-verifika tal-KE	Proċeduri ta' valutazzjoni partikolari
	1	2
Il-limitu għal azzjoni immedjata għal livell lonġitudinali (4.2.8.2)	m.a.	
Il-limitu għal azzjoni immedjata għal liwja fil-binarju (4.2.8.3)	m.a.	
Il-limitu għall-azzjoni immedjata tal-binarju bħala difett iżolat (4.2.8.4)	m.a.	
Il-limitu għal azzjoni immedjata għal pożizzjoni mżerżqa (4.2.8.5)	m.a.	
Il-limitu għal azzjoni immedjata għal swiċċijiet u qsim (4.2.8.6)	m.a.	
It-tul utilizzabbli tal-pjattaformi (4.2.9.1)	X	
L-għoli tal-pjattaforma (4.2.9.2)	X	
Pjattaforma offsett (4.2.9.3)	X	6.2.4.11
L-għamla tal-binarji tul il-pjattaformi (4.2.9.4)	X	
Il-varjazzjoni massima fil-pressjoni fil-mini (4.2.10.1)	X	6.2.4.12
L-effett ta' rjieħ inkroċjati (4.2.10.2),	X	6.2.4.13
Qabda tal-ballast (4.2.10.3)	Għadha qed tiġi diskussa	
Markaturi tal-post (4.2.11.1)	X	
Koniċità ekwivalenti mqiegħda fis-servizz (4.2.11.2)	m.a.	
Il-mezzi biex jitbattal it-tojlit (4.2.12.2)	X	6.2.4.14
Il-faċilitajiet għat-tindif estern tal-ferroviji (4.2.12.3)	X	6.2.4.14
L-istokkjar mill-ġdid tal-ilma (4.2.12.4)	X	6.2.4.14
Provvista mill-ġdid tal-karburant (4.2.12.5)	X	6.2.4.14
Il-provvista ta' puntali tal-elettriku (4.2.12.6)	X	6.2.4.14
Applikazzjoni tal-Kostitwenti tal-Interoperabbiltà	m.a.	

Tabella 2

Valutazzjoni tas-subsistemi tal-enerġija għad-dekostrazzjoni tal-konformità tal-EI

Karatteristiċi li għandhom jiġu vvalutati (HS ENE TSI)	Il-binarju eżistenti mhux suġġett għall-verifika tal-KE	Proċeduri ta' valutazzjoni partikolari
	1	2
Vultapp u frekwenza (4.2.3)	X	
Il-parametri relatati mal-prestazzjoni tas-sistema ta' provvista (4.2.4)	X	6.2.4.1

Karatteristiċi li għandhom jiġu vvalutati (HS ENE TSI)	Il-binarju eżistenti mhux suġġett għall-verifika tal-KE	Proċeduri ta' valutazzjoni partikolari
	1	2
Il-kapaċità tal-kurrent, is-sistemi ta' kurrent dirett (DC), il-ferroviji weqfin (4.2.5)	X	6.1.4.2
L-ibbrejkjar riġenerattiv (4.2.6)	X	6.2.4.2
Arranġamenti għall-koordinazzjoni tal-protezzjoni elettrika (4.2.7)	X	6.2.4.3
L-armonija u l-effetti dinamiċi għas-sistemi ta' kurrent alternat (AC) (4.2.8)	X	6.2.4.4
Il-ġeometrija tal-linja ta' kuntatt fl-għoli (4.2.9)	X	
Il-qies standard tal-pantografu (4.2.10)	X	
Il-forza medja ta' kuntatt (4.2.11)	X	
Imġiba dinamika u kwalità tal-ġbir tal-kurrent (4.2.12)	X	6.1.4.1, 6.2.4.5
Spazjar tal-pantografi tad-disinn tal-linja ta' kuntatt fl-għoli (4.2.13)	X	
Materjal tal-wajer ta' kuntatt (4.2.14)	X	
Sezzjonijiet ta' separazzjoni tal-fażijiet (4.2.15)	X	
Sezzjonijiet ta' separazzjoni tas-sistemi (4.2.16)	X	
Dispożizzjonijiet ta' protezzjoni minn xokk tal-elettriku (4.2.18)	X	6.2.4.6
Regoli għall-manutenzjoni (4.5)	X	6.2.4.7

2.4. *Rekwiżiti għall-assessur indipendenti*

2.4.1. Assessur indipendenti magħżul mill-applikant iwettaq id-demostrazzjoni tal-konformità tal-EI tal-linji eżistenti. Assessur indipendenti għandu jkun entità esterna jew parti interna tal-Maniġer tal-Infrastruttura.

2.4.2. Fir-rigward tal-infrastruttura tal-ferrovija, assessur indipendenti jkollu:

(a) taħriġ tekniku kif jixraq;

(b) Għarfien sodisfaċenti tar-rekwiżiti relatati mal-valutazzjoni u prattika suffiċjenti fit-twettiq tat-testijiet involuti f'dan; kif ukoll

(c) il-kapaċità li jfassal ċertifikati tad-demostrazzjoni tal-EI u dokumenti tekniċi li jikkonsistu f'rekord formali tal-valutazzjonijiet li wettaq.

2.4.3. Assessur indipendenti li huwa intern għall-Maniġer tal-Infrastruttura għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-assessur u l-persunal tiegħu ikunu identifikabbli bħala organizzazzjoni u għandu jkollhom metodi ta' rappurtar li jiżguraw l-imparzjalità tagħhom;

(b) la l-assessur u lanqas il-persunal tiegħu ma għandhom jinżammu responsabbli mill-operat jew il-manutenzjoni tal-prodotti li jevalvaw u lanqas ma jistgħu jidħlu għal kwalunkwe attivita li tista' tkun kunflinġenti mal-indipendenza tagħhom ta' ġudizzju jew integrità fir-rigward tal-attivitajiet ta' vvalutar.

2.5. *Dikjarazzjoni ta' demostrazzjoni*

2.5.1. Id-dikjarazzjoni tad-demostrazzjoni tal-EI u d-dokumenti ta' magħha ikunu datati u ffirmati.

2.5.2. Dik id-dikjarazzjoni għandha tinkiteb bl-istess lingwa tal-fajl tekniku u għandu jkollha fiha dan li ġej:

(a) ir-referenzi għall-proċedura tad-demostrazzjoni tal-konformità mal-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi għall-Interoperabbiltà għal linji eżistenti;

(b) l-isem kummerċjli u l-indirizz sħiħ tal-applikanti jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu fi ħdan l-UE (jekk jintuża ir-rappreżentant, l-isem kummerċjali tal-applikant għandu jingħata wkoll);

(c) deskrizzjoni qasira tas-subsistema;

(d) l-isem u l-indirizz tal-assessur indipendenti li mexxa d-demostrazzjoni tal-konformità tal-EI

(e) ir-referenzi tad-dokumenti li jinsabu fil-fajl tekniku;

(f) id-dispożizzjonijiet kollha definittivi u temporanji applikabbli għandhom jinġabru mas-subsistemi u b'mod partikolari, kwalunkwe restrizzjonijiet jew kundizzjonijiet tal-operat;

(g) f'każ ta' temporanji, il-perjodu ta' validità tad-dikjarazzjoni tad-demostrazzjoni tal-EI;

(h) l-identità tal-firmatarju.